KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fl-20 ta' Ottubru 2011 [1]

Kawżi magħquda C-7/10 u C-9/10

Staatssecretaris van Justitie
vs
Tayfun Kahveci u Osman Inan

[Talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqin mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija — Dritt ta' residenza — Membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti — Data tan-naturalizzazzjoni"

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw id-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 1/80") [2] u, b'mod partikolari l-Artikolu 7 ta' din id-deċiżjoni (iktar 'il quddiem l-"Artikolu 7").

2. Il-kwistjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fiż-żewġ każijiet tinvolvi l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu f'każ fejn ħaddiem Tork kien jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u sussegwentement ingħaqdu miegħu hemmhekk il-membri tal-familja tiegħu. Qabel il-wasla tagħhom, madankollu, il-ħaddiem Tork kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti, filwaqt li, fl-istess ħin, żamm iċ-ċittadinanza oriġinali tiegħu. In-naturalizzazzjoni fl-Istat Membru ospitanti ċċaħħad lill-membri tal-familja mid-drittijiet li seta' kellhom bis-saħħa tal-Artikolu 7?

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija

3. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") [3] ġie ffirmat fl-1963. L-Artikolu 12 jipprovdi li "l-Partijiet Kontraenti jaqblu li ser ikunu ggwidati [mill-Artikoli 45 TFUE, 46 TFUE u 47 TFUE] sabiex bejniethom jintlaħaq progressivament il-moviment liberu tal-ħaddiema". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4. L-Artikolu 2(3) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi li l-assoċjazzjoni għandha tinvolvi fażi preparatorja, fażi tranżitorja u fażi finali [4].

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Deċiżjoni Nru 1/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni, adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq taħt il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija. L-istess bħall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Protokoll Addizzjonali msemmi fin-noti ta' qiegħ il-paġna 3 u 5 iktar 'il quddiem, din ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali iżda tista' tiġi kkonsultata fil-*Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija u Protokolli u Testi Bażiċi oħra*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, Brussell, 1992.

3 — Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-KEE u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (ĠU 1964, L 217, p. 1).

4 — L-ewwel u t-tieni minn dawn il-fażijiet spiċċaw, rispettivament, fl-1 ta' Jannar 1973, bid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Addizzjonali ċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5 iktar 'il quddiem, u fil-31 ta' Diċembru 1995, bid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar l-implementazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali (ĠU 1996, L 35, p. 1).

5. Bħala parti mill-arranġamenti biex tiġi implementata l-faża tranżitorja, fl-1970 il-kontraenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ffirmaw Protokoll addizzjonali għall-ftehim [5]. L-Artikolu 36 ta' dan il-protokoll jipprovdi li l-moviment liberu tal-ħaddiema bejn l-Istat Membru u t-Turkija għandu jiġi żgurat b'fażijiet progressivi skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Huwa jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq taħt dak il-ftehim biex jiddeċiedi dwar ir-regoli meħtieġa għal dan l-għan.

Id-Deċiżjoni Nru 2/76

6. Id-Deċiżjoni Nru 2/76 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni [6] stabbilixxiet numru ta' miżuri intiżi sabiex jimplementaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema. Madankollu, din kienet relattivament limitata fil-portata tagħha.

Id-Deċiżjoni Nru 1/80

7. Id-Deċiżjoni Nru 1/80 ġiet adottata mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni sabiex timplementa l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Artikolu 36 tal-Protokoll addizzjonali [7]. Skont it-tielet premessa tal-preambolu, id-deċiżjoni hija intiża li ttejjeb it-trattament mogħti fil-kamp soċjali lill-ħaddiema u lill-membri tal-familji tagħhom fir-rigward tal-arranġamenti introdotti mid-Deċiżjoni Nru 2/76.

8. L-Artikoli 6 u 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jagħmlu parti mit-Taqsima 1 ("Kwistjonijiet li jirrigwardaw l-impjieg u l-moviment liberu tal-ħaddiema") tal-Kapitolu II ("Dispożizzjonijiet soċjali") tad-Deċiżjoni Nru 1/80. L-Artikolu 6(1) jipprovdi dan li ġej:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 dwar l-aċċess liberu għall-impjieg għall-membri tal-familja tiegħu, il-ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru:

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara sena ta' impjieg legali, għat-tiġdid tal-permess ta' xogħol tiegħu mal-istess persuna li timpjega, jekk dan ikollu xogħol x'joffri;

— għandu dritt, f'dan l-Istat Membru, wara tliet snin ta' impjieg legali u bla ħsara għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità, li jwieġeb għal offerta oħra ta' impjieg fl-istess professjoni ma' persuna oħra li timpjega tal-għażla tiegħu, magħmula taħt kundizzjonijiet normali u rreġistrata mad-dipartimenti tal-impjieg ta' dan l-Istat Membru;

— għandu jgawdi, f'dan l-Istat Membru, wara erba' snin ta' impjieg legali, minn aċċess liberu għal kull impjieg b'salarju tal-għażla tiegħu". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. L-Artikolu 7 jistipula:

"Il-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru, li ġew awtorizzati jingħaqdu miegħu:

— għandhom id-dritt, bla ħsara għall-prijorità li għandha tingħata lill-ħaddiema tal-Istati Membri tal-Komunità, li jwieġbu għal kull offerta ta' xogħol meta jkunu ilhom legalment residenti f'dan l-Istat Membru għal minn tal-anqas tliet snin;

5 — Protokoll Addizzjonali ffirmat fi Brussel fit-23 ta' Novembru 1970 u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1972 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol 11, p. 41).

6 — Deċiżjoni Nru 2/76 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, tal-20 ta' Diċembru 1976, dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

7 — Ara s-sentenza Wählergruppe Gemeinsam (C-171/01, Ġabra p. I-4301, punt 64).

— għandhom igawdu, f'dan l-Istat Membru, minn aċċess liberu għal kull attività b'salarju tal-għażla tagħhom meta jkunu ilhom legalment residenti hemm għal mhux inqas minn ħames snin.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

10. Fl-istess taqsima, l-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jipprovdi:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima għandhom japplikaw bla ħsara għal-limitazzjonijiet iġġustifikati minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà u ta' saħħa pubblika". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

11. L-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38 [8] jipprovdi li:

"Il-miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu skond il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklussivament fuq il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat. Kundanni kriminali preċedenti m'għandhomx minnhom infushom jikkostitwixxu raġuni biex jittieħdu dawn il-miżuri.

Il-kondotta personali ta' l-individwu kkonċernat għandha tirrappreżenta theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li tolqot wieħed mill-interessi fondamentali tas-soċjetà. Ġustifikazzjonijiet li huma iżolati mill-partikolaritajiet tal-każ jew li jiddependu fuq konsiderazzjonijiet ta' prevenzjoni ġenerali m'għandhomx jiġu aċċettati".

Id-dritt nazzjonali

Il-Vreemdelingenwet 2000

12. Skont l-Artikolu 18(1)(e) tal-Vreemdelingenwet (Liġi dwar iċ-ċittadini barranin) 2000 ("il-Vw 2000"), l-applikazzjoni għall-estensjoni ta' permess ta' residenza temporanja tista' tiġi miċħuda jekk iċ-ċittadin barrani li jagħmel l-applikazzjoni jkun jikkostitwixxi theddida għall-ordni pubbliku. L-Artikolu 19 tal-Vw 2000 jipprovdi li l-permess ta' residenza temporanja jista' jiġi rtirat għal waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1).

13. L-Artikolu 67(1)(b) tal-Vw 2000 jipprovdi li s-Segretarju tal-Istat jista' jiddikjara ċittadin barrani bħala li ma huwiex mixtieq jekk dan tal-aħħar ikun instab ħati, b'sentenza li saret finali, ta' reat punibbli b'sentenza ta' priġunerija ta' tliet snin jew iktar. Skont l-Artikolu 67(3), ċittadin barrani li jkun ġie ddikjarat bħala persuna mhux mixtieqa ma jistax ikun residenti legali fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-Vreemdelingenbesluit 2000

14. L-Artikolu 3.86(1)(d) tal-Vreemdelingenbesluit (Digriet dwar iċ-ċittadini barranin) 2000 (il-"Vb 2000") jipprovdi li l-applikazzjoni għall-estensjoni ta' permess ta' residenza temporanja tista' tiġi miċħuda bis-saħħa tal-Artikolu 18(1)(e) tal-Vw 2000 minħabba theddida għall-ordni pubbliku jekk iċ-ċittadin barrani jkun instab ħati, b'sentenza li tkun saret finali, ta', *inter alia*, reat punibbli bi priġunerija ta' tliet snin jew iktar, u jkun ingħata sentenza ta' kustodja, li l-parti mhux sospiża tagħha tkun tal-inqas daqs il-perijodu msemmi fl-Artikolu 3.86(2), li jistabbilixxi skaletta bbażata fuq id-dewmien tal-persuna kkonċernata fil-Pajjiżi l-Baxxi.

8 — Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li thassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitoli 5, Vol 5, p. 46).

Il-fatti u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-7/10

15. T. Kahveci, li huwa ċittadin Tork, daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-1999, fejn ingħata awtorizzazzjoni għal residenza temporanja. Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Diċembru 1999, huwa ngħata permess ta' residenza suġġett għall-kundizzjoni ta' "residenza mal-konjuġi R. Kahveci". B'effett mill-1 ta' April 2001, dan il-permess kien ikklassifikat bħala permess ordinarju ta' residenza temporanja u l-validità tiegħu kienet ġiet estiża reċentement sat-12 ta' Marzu 2009.

16. Fl-24 ta' Ġunju 2004, T. Kahveci nstab ħati fil-Pajjiżi l-Baxxi ta' attentat ta' omiċidju u talli kien kompliċi f'sekwestru ta' persuna. Il-parti mhux sospiża tas-sentenza tiegħu kienet ta' sitt snin u disa' xhur, li kienet iktar mill-perijodu stabbilit fl-Artikolu 3.86(2) tal-Vb 2000 b'riferiment għall-perijodu ta' dewmien tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi.

17. Il-konjuġi ta' T. Kahveci twieldet fil-Pajjiżi l-Baxxi, u hija bint ħaddiem Tork li jaqa' taħt l-Artikolu 6(1), u rrisjediet mal-ġenituri tagħha għal iktar minn ħames snin. Fit-3 ta' Ġunju 1999, qabel ma T. Kahveci daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi, hija kisbet iċ-ċittadinanza Olandiża, filwaqt li żammet iċ-ċittadinanza Torka tagħha. Huwa paċifiku li hija tagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi u li T. Kahveci rrisjeda magħha sakemm daħal il-ħabs.

18. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Marzu 2007, li biha T. Kahveci ġie ddikjarat li huwa persuna mhux mixtieqa, is-Segretarju tal-Istat irtiralu wkoll il-permess ta' residenza. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 67(1)(b) tal-Vw 2000.

19. Fl-oġġezzjoni tiegħu kontra din id-deċiżjoni, T. Kahveci argumenta li s-Segretarju tal-Istat kien żbalja meta naqas li jieħu inkunsiderazzjoni l-allegat dritt ta' residenza tiegħu taħt l-Artikolu 7. Kieku s-Segretarju tal-Istat fil-fatt ħa dan inkunsiderazzjoni, huwa kien ikun obbligat japplika l-livell ta' protezzjoni mogħti lil persuni li jkunu fil-pożizzjoni ta' T. Kahveci skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38[9].

20. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Diċembru 2007, is-Segretarju tal-Istat ċaħad din l-oġġezzjoni peress li fiż-żmien li saret l-applikazzjoni ta' T. Kahveci għall-permess ta' residenza oriġinali, il-konjuġi tiegħu diġà kellha ċittadinanza Olandiża. Fil-fehma tiegħu, minn dan isegwi li la hi u lanqas il-membri tal-familja tagħha ma setgħu jinvokaw id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 1/80.

21. T. Kahveci appella minn din id-deċiżjoni quddiem ir-Rechtbank ta' Den Haag (il-Qorti Distrettwali, Den Haag), li laqgħet l-appell peress li l-konjuġi ta' T. Kahveci — fil-kapaċità tagħha ta' ħaddiema Torka li tagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi — ma kinitx tilfet id-drittijiet tagħha taħt l-Artikolu 7 wara n-naturalizzazzjoni tagħha.

22. Is-Segretarju tal-Istat appella quddiem il-qorti tar-rinviju fuq punt ta' dritt. Huwa argumenta li r-Rechtbank kienet żbaljata meta ddeċidiet li kellha tapplika d-Deċiżjoni Nru 1/80. Id-digriet tar-rinviju jindika l-pożizzjoni tas-Segretarju tal-Istat bħala li hija li "biċ-ċittadinanza Olandiża, [il-konjuġi ta' T. Kahveci] kisbet l-aħjar pożizzjoni possibbli fir-rigward kemm tar-residenza kif ukoll tax-xogħol. [...] Jista' jingħad li ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi ma jistax jibqa' jitqies bħala ħaddiem Tork ġaladarba jkun kiseb ċittadinanza Olandiża".

9 — Ara l-punt 40 iktar 'il quddiem.

Il-Kawża C-9/10

23. O. Inan daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-1999 wara li ngħata awtorizzazzjoni għal residenza temporanja. Fil-15 ta' Frar 2000, huwa ngħata permess ta' residenza suġġett għall-kundizzjoni ta' "riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenitur H. Inan". B'effett mill-1 ta' April 2001, dan il-permess kien ikklassifikat bħala permess ordinarju ta' residenza temporanja u l-validità tiegħu kienet ġiet estiża reċentement sal-10 ta' Ġunju 2005.

24. Fit-12 ta' Mejju 2006, O. Inan instab ħati fil-Pajjiżi l-Baxxi ta' attentat ta' qtil, attentat ta' omiċidju involontarju, talli kien kompliċi f'reati marbutin mad-droga u f'reati ta' vjolenza kontra persuni. Il-parti mhux sospiża tas-sentenza tiegħu kienet ta' seba' snin, li kienet iktar mill-perijodu stabbilit fl-Artikolu 3.86(2) tal-Vb 2000 b'riferiment għall-perijodu ta' dewmien tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi.

25. Huwa paċifiku li missier O. Inan kiseb iċ-ċittadinanza Olandiża fit-22 ta' Diċembru 1993, qabel ma' O. Inan daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi, filwaqt li żamm iċ-ċittadinanza Torka. Id-digriet tar-rinviju jipprovdi li O. Inan għex ma' missieru sakemm iddaħħal il-ħabs fil-bidu ta' Frar 2005. Id-digriet jgħid ukoll li s-Segretarju tal-Istat ma sostniex li missier O. Inan ma kienx jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi.

26. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2007, is-Segretarju tal-Istat iddikjara lil O. Inan bħala persuna mhux mixtieqa. L-istess bħall-każ ta' T. Kahveci, din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 67(1)(b) tal-Vw 2000. Is-Segretarju tal-Istat esprima l-fehma li peress li missier O. Inan kien kiseb iċ-ċittadinanza Olandiża qabel ma O. Inan daħal fl-Istat Membru ospitanti, O. Inan ma setax jitqies bħala membru tal-familja fis-sens tal-Artikolu 7. Il-fatt li missieru żamm iċ-ċittadinanza Torka tiegħu ma biddel xejn minn din is-sitwazzjoni.

27. Fl-oġġezzjoni li huwa ppreżenta kontra din id-deċiżjoni, O. Inan argumenta wkoll li skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2004/38, huwa kien intitolat għal-livell ta' protezzjoni mogħti lil persuni fil-pożizzjoni tiegħu [10]. Jekk din id-deċiżjoni titqies li ma tapplikax fil-każ tiegħu, l-integrazzjoni tal-ħaddiema Torok u l-membri tal-familja tagħhom tiġi ppreġudikata.

28. B'deċiżjoni tas-17 ta' Lulju 2008, is-Segretarju tal-Istat ċaħad din l-oġġezzjoni.

29. O. Inan ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem ir-Rechtbank ta' Den Haag, li laqgħet l-appell peress li missier O. Inan ma kienx tilef id-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 7 wara n-naturalizzazzjoni tiegħu.

30. Is-Segretarju tal-Istat reġa' appella mid-deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn argumenta li r-Rechtbank kienet żbaljata meta ddeċidiet li kienet applikabbli d-Deċiżjoni Nru 1/80.

Id-domandi preliminari

31. Fiż-żewġ każijiet, ir-Raad van State għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-[Artikolu 7] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali [tax-xogħol] ta' Stat Membru ma jistgħux jibqgħu jinvokaw din id-dispożizzjoni wara li dan il-ħaddiem kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti filwaqt li żamm iċ-ċittadinanza Torka?

2. Għall-finijiet tar-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda, huwa rilevanti l-mument li fih il-ħaddiem Tork ikkonċernat kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti?"

10 — Ara l-punt 40 iktar 'il quddiem.

32. Osservazzjonijiet bil-miktub u orali ġew ippreżentati mill-konvenuti, mill-Gvern Olandiż, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni Ewropea.

Kunsiderazzjonijiet

Osservazzjonijiet preliminari

33. Qabel nanalizza d-domandi li saru, nixtieq nagħmel xi osservazzjonijiet preliminari qosra.

34. Fl-ewwel lok, iż-żewġ kawżi prinċipali jikkonċernaw il-pożizzjoni ta' membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti. Fil-każ ta' T. Kahveci, martu kienet it-tifla ta' ħaddiem Tork li kiseb id-drittijiet taħt l-Artikolu 6(1) wara li daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi. Għaldaqstant, hija kienet membru tal-familja ta' ħaddiem Tork u, bħala tali, kienet intitolata li tibbenefika mill-Artikolu 7. Fil-każ ta' O. Inan, missieru kien ħaddiem Tork li kellu d-drittijiet taħt l-Artikolu 6(1). Fiż-żewġ każijiet, il-membru tal-familja (T. Kahveci u O. Inan) qiegħed jinvoka d-drittijiet taħt l-Artikolu 7. Dawn id-drittijiet (dejjem jekk wieħed jassumi li jeżistu) jirriżultaw, fil-każ ta' T. Kahveci, bis-saħħa ta' martu u, fil-każ ta' O. Inan, bis-saħħa ta' missieru. Peress li kemm T. Kahveci kif ukoll O. Inan daħlu fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-1999, fiż-żmien rilevanti, huma kienu rrisjedew f'dak l-Istat Membru għal iktar mill-perijodu ta' ħames snin stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7.

35. Fit-tieni lok, filwaqt li l-Artikolu 7 jirreferi espressament biss għall-aċċess għas-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li [l-istess bħall-Artikolu 6(1)] dan jimplika neċessarjament id-dritt korrispondenti ta' residenza, li mingħajru d-dispożizzjoni tkun kompletament ineffettiva [11]. Il-kwistjoni hawnhekk tirrigwarda proprju dawk id-drittijiet ta' residenza. Fil-fatt, minħabba t-tul tas-sentenzi ta' priġunerija imposti fuq T. Kahveci u fuq O. Inan [12], kwalunkwe eżerċitar kurrenti ta' dritt ta' aċċess għal xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi jidher li hu akkademiku [13].

36. L-użu tal-kelma "korrispondenti" biex tiddeskrivi d-dritt ta' residenza inkwistjoni jissuġġerixxi li d-dritt ta' residenza jiddependi fuq id-dritt li wieħed jidħol fis-suq tax-xogħol. Fil-kuntest tal-Artikolu 6(1), jista' jingħad li r-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ drittijiet (tax-xogħol u tar-residenza) hija ċara biżżejjed. L-iskop essenzjali tal-Artikolu 6(1) huwa li jippermetti lill-ħaddiema Torok li jissodisfaw ir-rekwiżiti tiegħu biex jieħdu impjieg fl-Istat Membru ospitanti. Meta ħaddiem ma jibqax f'dik il-pożizzjoni, pereżempju minħabba li jilħaq l-età tal-irtirar jew isofri minn aċċident industrijali li minħabba fih ma jibqax tajjeb għal iktar xogħol b'mod totali u permanenti, huwa ma jibqagħlux dritt jibqa' hemmhekk u jitlef id-dritt ta' residenza [14].

37. Il-pożizzjoni taħt l-Artikolu 7 tista' tkun iktar ikkumplikata. Id-dispożizzjoni sservi żewġ għanijiet li huma relatati iżda li huma distinti. Fl-ewwel lok, din id-dispożizzjoni ttejjeb il-pożizzjoni tal-ħaddiema Torok, li jistgħu jibbenefikaw mill-preżenza tal-membri tal-familja tagħhom fl-Istat ta' residenza tagħhom [15]. Fit-tieni lok, hija wkoll ta' benefiċċju għall-membri tal-familja stess, billi tagħtihom id-dritt li jieħdu impjieg fl-Istat Membru ospitanti, sakemm huma kienu residenti legalment hemmhekk għal perijodu speċifiku [16]. Fid-dawl tal-ewwel għan li ssemma, jista' jingħad li d-drittijiet ta' residenza li joħorġu mill-Artikolu 7 għandhom bilfors ikunu jiddependu fuq it-teħid ta' impjieg fl-Istat Membru ospitanti, jew jistgħu dawn jeżistu b'mod indipendenti? Din hija kwistjoni li sal-lum għadha ma ġietx

11 — Ara *inter alia*, f'dan is-sens, f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 6(1), Sevince (C-192/89, Ġabra p. I-3461, punt 29) u f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 7, Bozkurt (C-303/08, p. I-13445, punt 31).

12 — Ara, f'dak li jirrigwarda lil T. Kahveci, punt 16, u f'dak li jirrigwarda lil O. Inan, punt 24.

13 — Tal-inqas fi żmien il-kawża prinċipali, id-digrieti tar-rinviju kellhom id-data tal-31 ta' Diċembru 2009 fiż-żewġ każijiet.

14 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza Nazli (C-340/97, Ġabra p. I-957, punt 37).

15 — Ara l-punt 50 iktar 'il quddiem.

16 — Ara l-punt 51 iktar 'il quddiem.

analizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha [17], u lanqas ma hija kwistjoni li l-partijiet ippreżentaw osservazzjonijiet dwarha f'dawn il-proċeduri jew li l-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwarha fid-digrieti tar-rinviju li ġew ippreżentati quddiemha. Għaldaqstant, hija kwistjoni li jien minix ser nipprova nesprimi opinjoni dwarha. Ninnota biss li hemm tal-inqas kwistjoni waħda li fil-fehma tiegħi tidher li tqum [18]. Ġaladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi li sarulha f'dawn il-każijiet, imbagħad tkun il-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi jekk T. Kahveci u/jew O. Inan għandhomx id-drittijiet neċessarji taħt l-Artikolu 7.

38. Fit-tielet lok, ħaddiem Tork li jkun jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u li sussegwentement jiġi naturalizzat f'dak l-Istat ma jibqax ikollu għalfejn jinvoka d-Deċiżjoni Nru 1/80 sabiex jipparteċipa fis-suq tal-impjieg hemmhekk. F'dan il-kuntest u sa dan il-punt, id-deċiżjoni ssir *functus*. Madankollu, l-interpretazzjoni korretta tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tibqa' importanti fir-rigward tal-membri tal-familja tal-ħaddiem. Is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri x'aktarx li jħallu lill-membri tal-familja taċ-ċittadini tagħhom id-dritt li jidħlu fit-territorju tagħhom u jistgħu jħallu lil dawk il-membri tal-familja biex jirrisjedu u jaħdmu hemmhekk. Madankollu, f'dan ix-xenarju huma nieqsa d-drittijiet indipendenti li membru tal-familja ta' ċittadin Tork jista' jikseb bis-saħħa tal-Artikolu 7. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi stabbilit kif dik id-dispożizzjoni tapplika fiċ-ċirkustanzi ineżami.

39. Fir-raba' lok, fiż-żewġ kawżi prinċipali, il-membri tal-familja Torok wettqu reati kriminali serji u għaldaqstant qegħdin fir-riskju ta' tkeċċija mill-Istat Membru ospitanti. Madankollu, il-portata potenzjali tad-domandi li saru hija ħafna iktar wiesgħa. L-applikazzjoni tal-Artikolu 7 għall-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li kiseb iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat Membru ospitanti tista' tkun rilevanti ħafna għal kull wieħed minn dawk il-membri tal-familja, indipendentement mis-sitwazzjoni jew mill-passat tagħhom.

40. Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' dawk ir-reati kriminali u r-riskju ta' tkeċċija li dawn jistgħu jġibu magħhom, hija rilevanti l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Ġustizzja lill-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Hija ddeċidiet li, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-portata tal-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku previst f'dak l-artikolu [19] — u għaldaqstant id-dritt tal-awtoritajiet nazzjonali biex japplikaw dak l-artikolu — għandu jsir riferiment għall-interpretazzjoni mogħtija lill-istess eċċezzjoni fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni. Fil-preżent, dawk id-dispożizzjonijiet jinsabu stabbiliti fid-Direttiva 2004/38. F'dan ir-rigward, il-miżuri meħuda għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew sigurtà pubblika jeħtieġ li jkunu bbażati esklużivament fuq l-imġiba personali tal-parti kkonċernata. Il-kundanni kriminali ta' qabel ma għandhomx jikkostitwixxu fihom infushom raġunijiet sabiex jittieħdu dawk il-miżuri. L-eżistenza ta' kundanna kriminali preċedenti tista' tiġi kkunsidrata biss sa fejn iċ-ċirkustanzi li jkunu taw lok għal dik il-kundanna juru l-eżistenza ta' kondotta personali li tikkostitwixxi theddida attwali għar-rekwiżiti tal-politika pubblika [20]. Jidher li l-liġi nazzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi ma tipprovdix b'mod awtomatiku dak il-livell ogħla ta' protezzjoni għall-persuni li jkunu fis-sitwazzjoni ta' T. Kahveci jew ta' O. Inan.

17 — Għalkemm fis-sentenza Aydinli (C-373/03, Ġabra p. I-6181) il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 7 "ma jimponu fuq [il-membri tal-familja] ebda obbligu ta' twettieq ta' attività bis-salarju" (punt 29) u kompliet biex qalet fis-sentenza Derin (C-325/05, Ġabra p. I-6495) li "l-istatus ta' [membru tal-familja] ma jiddependix mill-eżerċizzju ta' attività b'salarju" (punt 56), ma nqisx li dawn l-osservazzjonijiet huma deċiżivi għall-kwistjoni.

18 — Inżid ngħid li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa ċar li l-perijodi li wieħed iqatta' fil-ħabs fl-Istat Membru ospitanti, minnhom infushom u anki jekk ikunu jtulu għal diversi snin, ma jwasslux biex jintilfu d-drittijiet taħt l-Artikolu 7 (ara f'dan is-sens is-sentenza Derin, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, il-kwistjoni hija dwar jekk biex wieħed jibbenefika mill-Artikolu 7, il-membru tal-familja jridx sempliċement jirrisjedi fl-Istat Membru ospitanti bħala parti mill-arranġamenti tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja kkontemplati f'dik id-dispożizzjoni jew jekk hijiex meħtieġa xi indikazzjoni ta' intenzjoni li jipparteċipa fis-suq tax-xogħol f'dak l-Istat (jekk ikun il-każ, wara li jinħeles mill-ħabs u jekk iċ-ċirkustanzi kollha l-oħra jkunu jippermettu).

19 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "r-rikors għall-kunċett ta' ordni pubbliku minn awtorità nazzjonali jippresupponi l-eżistenza, apparti l-inkwiet soċjali li jinvolvi kull ksur tal-liġi, theddida reali u suffiċjentement gravi, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà" (ara, *inter alia*, is-sentenza Polat (C-349/06, Ġabra p. I-8167, punt 34).

20 — Ara s-sentenza Polat, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punti 30 sa 32.

L-ewwel domanda

41. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti nazzjonali qiegħda tistaqsi essenzjalment kif, fiċ-ċirkustanzi ta' dawn il-każijiet u għall-finijiet tal-Artikolu 7, għandha tiġi interpretata l-espressjoni "membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru".

L-għanijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u d-Deċiżjoni Nru 1/80

42. Peress li d-Deċiżjoni Nru 1/80 ma tiddefinixxix it-tifsira ta' din l-espressjoni, hija għandha tiġi interpretata b'riferiment għall-kuntest iktar wiesa' li fih ġiet ippromulgata din il-miżura.

43. Kif jirriżulta ċar mill-Artikoli 2(12) u 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi assoċjazzjoni biex tippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-partijiet, inkluż fil-qasam tal-impjieg, billi jintlaħaq progressivament il-moviment liberu tal-ħaddiema. L-Artikolu 12 jipprovdi li l-partijiet kontraenti għandhom ikunu ggwidati mid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-moviment liberu "sabiex bejniethom jintlaħaq progressivament il-moviment liberu tal-ħaddiema" [21].

44. L-Artikolu 36 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jistabbilixxi dispożizzjonijiet oħra fir-rigward tal-moviment liberu u jawtorizza lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex jiddeċiedi dwar ir-regoli meħtieġa għal dan l-għan.

45. Dan huwa l-kuntest li fih ġiet adottata d-Deċiżjoni Nru 1/80. Skont it-tielet premessa tal-preambolu, din hija intiża li ttejjeb it-trattament mogħti fil-kamp soċjali lill-ħaddiema u lill-membri tal-familja tagħhom fir-rigward tal-arranġamenti introdotti mid-Deċiżjoni Nru 2/76, li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adotta fl-20 ta' Diċembru 1976.

46. F'dan l-isfond, id-Deċiżjoni Nru 1/80 tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-impjieg ta' ħaddiema Torok [l-Artikolu 6(1)] u l-membri tal-familja ta' dawk il-ħaddiema (l-Artikolu 7) fl-Istati Membri.

47. Bis-saħħa tal-Artikolu 6(1), ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru jingħata ċerti drittijiet fir-rigward tal-impjieg tiegħu hemmhekk. Wara li jagħlaq erba' snin impjegat legalment, huwa għandu jgawdi, f'dak l-Istat Membru, aċċess liberu għal kull impjieg b'salarju tal-għażla tiegħu. B'riżultat ta' dan, huwa jitpoġġa fl-istess pożizzjoni fir-rigward tal-aċċess tiegħu għas-suq tax-xogħol inkwistjoni bħal ċittadin ta' dak l-Istat jew ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' moviment liberu.

48. L-Artikolu 7 jissupplimenta din id-dispożizzjoni. Huwa jistabbilixxi regoli li jirrigwardaw il-membri tal-familja ta' dak il-ħaddiem li jkunu ġew awtorizzati jingħaqdu miegħu fl-Istat Membru ospitanti.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għan tal-Artikolu 7 huwa li jippromwovi l-impjieg u r-residenza ta' ħaddiema Torok billi jiżgura li jinżammu r-rabtiet familjari tagħhom fl-Istat Membru ospitanti [22].

50. Dan l-għan jintlaħaq, l-ewwel nett, billi l-membri tal-familja jiġu awtorizzati jingħaqdu mal-ħaddiem Tork fl-Istat Membru ospitanti u biex jieħdu r-residenza tagħhom hemmhekk biex il-familja tkun tista' toqgħod flimkien.

21 — Ara, f'dan is-sens, Wählergruppe Gemeinsam, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 62.

22 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Kadiman (C-351/95, Ġabra p. I-2133, punt 34).

51. It-tieni nett, bl-għan li tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-familja ta' ħaddiem Tork fl-Istat Membru ospitanti, l-Artikolu 7 jagħti wkoll lill-membri tal-familja d-dritt li jieħdu, wara ċertu żmien, impjieg f'dan l-Istat Membru [23].

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġabret fil-qosor dak l-għan maqsum f'żewġ partijiet billi qalet li "s-sistema stabbilita mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 hija intiża sabiex toħloq kundizzjonijiet li jwasslu għall-għaqda tal-familja fl-Istat Membru ospitanti, l-ewwel billi tippermetti lill-membri tal-familja jkunu ma' ħaddiem immigrant u mbagħad billi tikkonsolida l-pożizzjoni tagħhom billi tagħtihom id-dritt jiksbu impjieg f'dak l-Istat" [24].

53. Għaldaqstant, il-kunċett ta' integrazzjoni, kemm tal-ħaddiem Tork kif ukoll tal-membri tal-familja tiegħu, huwa kruċjali għall-interpretazzjoni tal-Artikoli 6(1) u 7 [25].

54. Fid-dawl ta' dan, jista' jingħad li fejn hemm ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u qiegħed jeżerċita d-drittijiet taħt l-Artikolu 6(1) (missier O. Inan) jew l-Artikolu 7 (mart T. Kahveci) iżda li, qabel ma terġa' tingħaqad il-familja bis-saħħa tal-Artikolu 7, jikseb iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat filwaqt li jżomm iċ-ċittadinanza Torka tiegħu, huwa għandu jitqies li tilef id-drittijiet li seta' kellhom il-membri tal-familja tiegħu bis-saħħa tal-Artikolu 7?

55. Fil-fehma tiegħi, dan ma jistax ikun il-każ.

56. Din il-konstatazzjoni tkun tmur kompletament kontra l-għan tal-integrazzjoni li għadni kif iddeskrivejt.

57. Ħaddiem Tork li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(1) jew tal-Artikolu 7 u, fl-istess ħin, jikkwalifika għan-naturalizzazzjoni taħt ir-regoli tal-Istat Membru ospitanti li jirregolaw il-kisba taċ-ċittadinanza tiegħu jsib ruħu f'dilemma — jekk nassumu li huwa dejjem xtaq li l-membri tal-familja tiegħu jingħaqdu miegħu f'dak l-Istat bis-saħħa tal-Artikolu 7. Huwa jista' jew jabbanduna l-pjanijiet tiegħu għan-naturalizzazzjoni u, dejjem jekk nassumu li kien hemm l-awtorizzazzjoni biex il-membri tal-familja tiegħu jingħaqdu miegħu skont l-Artikolu 7, igawdi mill-kumpanija tagħhom fl-Istat tax-xogħol u residenza tiegħu. Inkella, huwa jista' jirrinunzja għall-pjanijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja taħt l-Artikolu 7 u japplika biex jieħu ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti.

58. Huwa minnu li huwa jkollu mbagħad il-benefiċċju tar-regoli nazzjonali ta' dak l-Istat li jirregolaw il-preżenza tal-membri tal-familja tiegħu fit-territorju tiegħu. Madankollu, indipendentement minn dak li jipprovdu r-regoli rilevanti nazzjonali jew tal-UE f'din is-sitwazzjoni, dan ma huwiex — jew tal-inqas, ma għandux ikun — l-istess bħat-tgawdija tad-drittijiet taħt l-Artikolu 7. Kif tenfasizza l-Kummissjoni (li tadotta l-approċċ oppost għal dak adottat mill-Gvern Olandiż u minn dak Pollakk), wieħed għandu jassumi li ħafna ħaddiema Torok ikunu skoraġġuti milli jipproċedu b'applikazzjoni għal naturalizzazzjoni f'dawk iċ-ċirkustanzi. Dan ir-riżultat ikun kemm inġust kif ukoll mhux raġonevoli. Lanqas ma huwa neċessarju.

59. Din il-konklużjoni tiġi affettwata bl-argument tal-Gvern Olandiż fejn isostni li bil-kisba taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti, il-ħaddiem Tork ikun wasal sal-quċċata tal-integrazzjoni? Fi kliem ieħor, huwa jkun lesta l-proċess tal-integrazzjoni u għaldaqstant, ma hemmx għalfejn li huwa (u, indirettament, il-membri tal-familja tiegħu) ikomplu jibbenefikaw mid-Deċiżjoni Nru 1/80. Dan l-argument jaċċetta l-għanijiet ta' integrazzjoni li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni, iżda jidher li jgħid li dawn l-għanijiet spiċċaw.

23 — Ara s-sentenza Kadiman, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 35.

24 — Ara s-sentenza Kadiman, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 36.

25 — Ara wkoll, f'dak li jirrigwarda d-Deċiżjoni Nru 1/80 inġenerali, il-Kawżi magħquda Abatay *et* (C-317/01 u C-369/01, Ġabra p. I-12301, punt 90), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għad-deċiżjoni li hija "intiża essenzjalment għall-integrazzjoni progressiva tal-ħaddiema Torok fit-[territorju tal-Istat Membru ospitanti]".

60. Jien ma naħsibx li dan huwa l-każ.

61. Il-kunċett ta' integrazzjoni ma huwiex biss wiesa'. Huwa kumpless ukoll. Bħala għodda għall-interpretazzjoni, jista' jkun ta' rilevanza partikolari fil-kamp soċjali u tax-xogħol kif ukoll fil-kuntest tan-naturalizzazzjoni u taċ-ċittadinanza. Il-kwistjonijiet tal-lingwa, rabtiet familjari, kultura, reliġjon u edukazzjoni jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll. L-espressjoni tista' tinftiehem biss jekk tinqara fid-dawl tal-kuntest li fih tintuża. F'ċerti każijiet, il-kwistjoni ma tkunx dwar x'tifsira tingħata lill-"integrazzjoni sħiħa" fis-soċjetà ta' xi Stat iżda l-grad ta' integrazzjoni meħtieġ biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti ta' dispożizzjoni legali partikolari. Għaldaqstant, fis-sentenza Bidar [26], il-Qorti tal-Ġustizzja li lilha saret id-domanda dwar it-tifsira tal-Artikolu 18 TFUE, iddeċidiet, fir-rigward tal-integrazzjoni tal-istudenti fis-soċjetà ta' Stat Membru ospitanti, li perijodu ta' tliet snin f'dak l-Istat jista' jkun suffiċjenti bħala "garanzija ta' integrazzjoni suffiċjenti fis-soċjetà [ta' dak l-Istat]" [27].

62. Il-kunċett ta' integrazzjoni fil-kuntest limitat tar-regoli dwar fondi li jirrigwardaw lill-istudenti minn Stati Membri oħra huwa, madankollu, differenti ħafna mill-kwistjoni hawnhekk. Dik li jidhirli li l-Gvern Olandiż qiegħed jirreferi għaliha fl-osservazzjonijiet tiegħu f'dan il-każ hija l-integrazzjoni fl-iktar sens wiesa' tagħha. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-fehma li, permezz tan-naturalizzazzjoni, ċittadin Tork fil-pożizzjoni tal-konjuġi ta' T. Kahveci jew missier O. Inan jiġi assorbit kompletament fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti. In-naturalizzazzjoni u t-tlestija tal-proċess ta' integrazzjoni huma, fi kliem ieħor, l-istess ħaġa.

63. Dan l-approċċ jidhirli li jfiehem ħażin in-natura tal-proċess ta' integrazzjoni fil-kuntest li fih għandu jiġi mifhum hawnhekk. Ovvjament, huwa minnu li x'aktarx in-naturalizzazzjoni hija pass f'dan il-proċess. Fil-fatt, dan il-pass jista' jkun wieħed importanti ħafna. F'ħafna każijiet, dan jirrifletti xewqa kbira min-naħa tal-persuna naturalizzata li jibda jkollha parti ikbar fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti, u aċċettazzjoni min-naħa ta' dak l-Istat li din l-istess persuna tagħmel dan. Iżda l-fatt li wieħed jgħid li ġaladarba l-ħaddiem Tork kiseb iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat, huwa sar, b'dak biss u mingħajr xejn iktar, integrat kompletament f'dak l-Istat u, fl-istess ħin, qata' kull kuntatt rilevanti mal-Istat tal-oriġini tiegħu ma jistax, fil-fehma tiegħi, ikun korrett. Biex persuna ssir integrata b'dak il-mod tista' tieħu ħafna snin — u mhux il-ħames snin stabbiliti taħt id-dritt Olandiż biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni għan-naturalizzazzjoni. Fil-fatt, il-proċess jista' jieħu iktar minn ġenerazzjoni waħda biex jitlesta. Meta dak il-ħaddiem jieħu n-naturalizzazzjoni, wieħed jista' jgħid li jkun fit-triq, u anki fit-triq sew, għall-integrazzjoni. Dan ma huwiex l-istess bħalma meta jingħad li integra ruħu kompletament.

64. Fil-fehma tiegħi, l-argument tal-Gvern Olandiż għandu jiġi miċħud. Għall-finijiet ta' kompletezza, għandi nżid ngħid li kieku xi wieħed minn dawn iċ-ċittadini Torok f'dawn il-każijiet irrinunzjaw espressament għaċ-ċittadinanza oriġinali tagħhom meta kisbu ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti, jista' jkun li l-pożizzjoni tagħhom kienet tkun differenti. Dan il-pass jista' fil-fatt juri li dik il-persuna ma xtaqitx tibqa' tgawdi mid-drittijiet li joħorġu mid-Deċiżjoni Nru 1/80. Iżda dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

Ċittadinanza

65. Il-Gvern Olandiż u Pollakk iddedikaw parti sinjifikattiva mill-osservazzjonijiet tagħhom għal dak li huma jaraw li hija l-importanza tad-dritt taċ-ċittadinanza fil-kuntest ta' dan il-każ. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat l-effett, jekk hemm, li din il-parti tad-dritt jista' jkollha fuq il-fehmiet li esprimejt iktar 'il fuq.

26 — C-209/03, Ġabra p. I-2119.

27 — Il-kwistjoni fis-sentenza Bidar kienet tinvolvi l-validità tar-regoli nazzjonali li taw assistenza lil studenti li kienu residenti legalment fl-Istat Membru ospitanti biex ikopru l-ispejjeż għall-manteniment tagħhom, sakemm l-istudenti kienu "stabbiliti" f'dak l-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien leġittimu għal Stat Membru li jagħti tali għajnuna biss lil studenti li jkunu wrew ċertu livell ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dan l-Istat. Dan ir-rekwiżit jista' jkun iġġustifikat minħabba l-bżonn li jkollu Stat Membru li jiżgura li l-għoti ta' għajnuna intiża li tkopri l-ispejjeż ta' manteniment tal-istudenti li ġejjin minn Stati Membri oħra ma jsirx piż irraġonevoli li jista' jkollu konsegwenzi fuq il-livell globali ta' għajnuna li tista' tingħata minn dan l-Istat. L-eżistenza ta' ċertu livell ta' integrazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala stabbiltà jekk jiġi kkonstatat li l-istudent inkwistjoni rrisjeda fl-Istat Membru ospitanti għal ċertu tul ta' żmien. Ara b'mod ġenerali, il-punti 48, 57 sa 59 u 63 tas-sentenza.

66. Il-Gvern Olandiż jargumenta essenzjalment li, meta persuna jkollha ċittadinanza doppja inkluża dik tal-Istat Membru ospitanti, dak l-Istat jista' japplika r-regoli taċ-ċittadinanza "tiegħu". Persuna f'dik il-pożizzjoni ma tistax tagħżel hi minn dawn skont dak li jidhrilha li hu fl-aħjar interessi tagħha f'xi sitwazzjoni partikolari.

67. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Pollakk isostni li kull Stat Membru jżomm id-dritt mhux biss li jirregola l-kisba u t-telf taċ-ċittadinanza tiegħu iżda wkoll l-effetti legali li jirriżultaw minn dik iċ-ċittadinanza. Stat Membru jista', għaldaqstant, jeskludi d-dritt li wieħed jinvoka d-drittijiet li jirriżultaw minħabba ċittadinanza differenti fi kwalunkwe proċeduri quddiem l-awtoritajiet nazzjonali.

68. Ma ninsabx konvint bil-loġika ta' dan ir-raġunament.

69. Huwa minnu li kif inhi l-liġi llum, l-Istati Membri żammew is-setgħa li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-kisba u t-telf taċ-ċittadinanza tagħhom [28]. Din il-pożizzjoni hija identika f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju min-naħa tal-Istati Membri tas-setgħat tagħhom fil-kamp taċ-ċittadinanza b'mod ġenerali. Iżda dan huwa suġġett għall-kundizzjoni li dawk is-setgħat iridu jiġu eżerċitati filwaqt li jiġi osservat id-dritt tal-Unjoni Ewropea (UE) [29].

70. Id-drittijiet li joħorġu mill-Artikoli 6(1) u 7 jagħmlu parti integrali mis-sistema legali tal-Unjoni [30] u għandhom effett dirett [31]. L-Istati Membri huma marbutin għaldaqstant b'obbligi li joħorġu minn dawk id-dispożizzjonijiet preċiżament bl-istess mod kif huma marbutin josservaw obbligi oħrajn stabbiliti mid-dritt tal-UE.

71. Fin-nuqqas ta' xi raġuni imperattiva f'sens kuntrarju, isegwi, fil-fehma tiegħi, li d-drittijiet inkwistjoni jistgħu jiġu invokati kontra l-Istati Membri skont il-kundizzjonijiet tagħhom.

72. Insostenn tal-argument tagħhom, il-Gvern Olandiż u l-Gvern Pollakk jibbażaw ħafna fuq is-sentenza Mesbah [32]. Din il-kawża kienet tinvolvi lil ħaddiem Marokkin li kien jirrisjedi l-Belġju u li, wara li daħal f'dak l-Istat Membru, kiseb iċ-ċittadinanza Belġjana filwaqt li żamm iċ-ċittadinanza oriġinali tiegħu. Ommu, li kienet ċittadina Marokkina, kienet toqgħod miegħu u kellha diżabbiltà. Hija sostniet li kienet intitolata tirċievi l-benefiċċju tad-diżabbiltà f'dak l-Istat bis-saħħa tal-Artikolu 41(1) tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni KEE-Marokk (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni"), li kien jipprovdi li l-membri tal-familja li joqogħdu ma' dawk il-ħaddiema għandhom jitħallsu l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali bl-istess regoli kif japplikaw għaċ-ċittadini Belġjani [33]. Taħt id-dritt Belġjan, madankollu, minkejja li l-ħaddiem kien żamm iċ-ċittadinanza Marokkina tiegħu, huwa ġie ttrattat bħala li kellu biss iċ-ċittadinanza Belġjana. Filwaqt li bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatti tal-każ li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li (1) iċ-ċittadinanza li kellu l-ħaddiem kienet dik tal-Istat Membru ospitanti, (2) id-drittijiet inkwistjoni ma kinux jinħolqu minħabba li l-ħaddiem kien ċittadin ta'

28 — Ara, *inter alia*, id-Dikjarazzjoni Nru 2 fuq iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, annessa mill-Istati Membri mal-att finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU 1992 C 191, p. 98); id-Deċiżjoni tal-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew f'Edinburgh fil-11 u t-12 ta' Diċembru 1992, dwar ċerti problemi mqajma mid-Danimarka fuq it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ĠU 1992 C 348, p. 1); u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar iċ-ċittadinanza, adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fis-6 ta' Novembru 1997 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000.

29 — Ara s-sentenza Micheletti *et* (C-369/90, Ġabra p. I-4239, punt 10); sentenza Mesbah (C-179/98, Ġabra p. I-7955, punt 29); sentenza Zhu u Chen (C-200/02, Ġabra p. I-9925, punt 39); u s-sentenza Rottmann (C-135/08, Ġabra 2010, p. I-1449, punti 39 u 41). Naturalment, il-prinċipju bażiku huwa usa' fl-applikazzjoni tiegħu — ara b'mod ġenerali pereżempju, għal dak li jirrigwarda l-moviment liberu, is-sentenza Factortame *et* (C-213/89, Ġabra p. I-2433 u għal dak li jirrigwarda t-tassazzjoni, is-sentenza Simmenthal (106/77, Ġabra 629).

30 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Sevince, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 9.

31 — Ara, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 6(1), is-sentenza Sevince, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 26; u għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 7, is-sentenza Kadiman, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 28, u s-sentenza Eyüp (C-65/98, Ġabra p. I-4747, punt 25).

32 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

33 — Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk iffirmat f'Rabat fis-27 ta' April 1976 u approvat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2211/78, tas-26 ta' Settembru 1978 (ĠU 1978 L 264, p. 1). L-Artikolu 41(1) kien jipprovdi li: "ħaddiema ta' ċittadinanza Marokkina u kull membru tal-familja tagħhom li jgħixu magħhom għandhom jingħataw, fil-kamp tas-sigurtà soċjali, trattament nieqes minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istati Membri fejn huma jkunu impjegati". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Stat Membru ieħor imma minħabba li kellu ċittadinanza ta' Stat mhux membru u (3) id-drittijiet invokati kienu jirrigwardaw ftehim li l-għan tiegħu ma kienx li jippermetti lill-ħaddiema Marokkini biex jiċċaqalqu liberament f'dik li dak iż-żmien kienet il-Komunità iżda sempliċement biex jikkonsolida l-pożizzjoni tas-sigurtà soċjali ta' dawk il-ħaddiema u l-membri tal-familji tagħhom li kienu jgħixu magħhom fl-Istat Membru ospitanti, il-Belġju kien liberu li japplika d-dritt taċ-ċittadinanza tiegħu bil-konsegwenza li jipprekludi lil omm il-ħaddiem Marokkin milli tirċievi l-benefiċċju tad-diżabbiltà [34].

73. Ma nistax naqbel li d-*dicta* tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Mesbah għandhom japplikaw fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ. L-għan u l-iskopijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni kienu ħafna iktar limitati minn dawk tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li fuqu huma bbażati d-drittijiet inkwistjoni hawnhekk [35]. Huwa minnu li l-Ftehim ta' Kooperazzjoni pprovda biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza għal dak li jirrigwarda kundizzjonijiet tax-xogħol jew rimunerazzjoni fil-konfront taċ-ċittadini Marokkini [36]. Barra minn dan il-kamp, madankollu, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu 3 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni (bit-titolu "Kooperazzjoni fil-kamp tax-xogħol") kienu essenzjalment limitati għall-kamp tas-sigurtà soċjali, fejn, għal darba oħra, kellu jiġi pprovdut trattament nondiskriminatorju [37]. Ma kien hemm xejn simili għad-drittijiet ibbażati fuq l-integrazzjoni li joħorġu mill-Artikoli 6(1) u 7. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ripetutament li dawn l-artikoli għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' u skont l-għan tagħhom. Hija ddeċidiet, pereżempju, li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li minnu jifformaw parti l-Artikoli 6(1) u 7, "jikkostitwixxu pass ieħor biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema abbażi tal-[Artikoli 45 TFUE, 46 TFUE u 47 TFUE]" [38]. Hija "ddeduċiet konsistentement [ukoll] mill-kliem tal-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Protokoll Addizzjonali, kif ukoll mill-għan tad-Deċiżjoni Nru 1/80, li l-prinċipji mdaħħla fl-[Artikoli 45 TFUE, 46 TFUE u 47 TFUE] għandhom jiġu estiżi, sa fejn huwa possibbli, għaċ-ċittadini Torok li jgawdu d-drittijiet mogħtija mid-Deċiżjoni Nru 1/80" [39]. Dan l-approċċ jidhirli li huwa kompletament differenti minn dak adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni li tat fis-sentenza Mesbah lill-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

74. B'mod ġenerali, jidhirli li għalkemm, taħt id-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet Olandiżi huma liberi li jqisu ħaddiem b'ċittadinanza doppja Olandiża u Torka bħala li għandu biss ċittadinanza Olandiża meta jkollhom x'jaqsmu ma' dak il-ħaddiem, huma ma jistgħux jinjoraw iċ-ċittadinanza Torka ta' dik il-persuna meta jkollhom x'jaqsmu ma' ċittadini li ma humiex Olandiżi. Oġġettivament, u mill-perspettiva tal-membru tal-familja, iċ-ċittadin doppju huwa persuna li għandu ċittadinanza Torka li huwa impjegat legalment fis-suq Olandiż u għaldaqstant "ċittadin Tork" fis-sens tad-Deċiżjoni Nru 1/80. Jekk il-membri tal-familja jkunu daħlu legalment fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma jistgħu għaldaqstant jibbenefikaw mid-drittijiet taħt l-Artikolu 7, anki jekk is-sors ta' dawk id-drittijiet ma jkunx għadu jista' jagħmel dan huwa stess, u dan peress li fil-konfront tiegħu, l-awtoritajiet Olandiżi għandhom dritt ma jikkalkolawx ċittadinanza minnhom.

75. Ma' dan inżid ngħid dan li ġej. Effettivament, iċ-ċittadinanza u d-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Membru f'dak ir-rigward, hija kwistjoni *waħda* f'dan il-każ. Biex tingħata risposta għall-ewwel domanda tal-qorti nazzjonali, jeħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 1/80 tiġi interpretata fid-dawl tal-effett li l-kisba taċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti jkollha fuq id-drittijiet li joħorġu mill-Artikoli 6(1) u 7. Madankollu, ma naħsibx li din hija *il*-kwistjoni. Il-kwistjoni proprja f'dan il-każ ma tikkonċernax ir-regoli tal-Istati Membri dwar iċ-ċittadinanza, bħala tali, iżda l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet inkwistjoni. Jiena diġà tajt il-fehmiet tiegħi f'dan ir-rigward. Indikajt ukoll diġà li ma nara xejn fir-regoli nazzjonali dwar iċ-ċittadinanza li jeħtieġ li jittieħed approċċ differenti f'dan il-każ.

34 — Ara l-punti 34, 35, 36 u 39 tas-sentenza f'dik il-kawża.

35 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Ayaz (C-275/02, Ġabra p. I-8765, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeskriviet il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bħala li għandu "għan ħafna aktar ambizzjuż" mill-Ftehim ta' Kooperazzoni (punt 47).

36 — Artikolu 40.

37 — Artikolu 41.

38 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Wählergruppe Gemeinsam, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 64.

39 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Nazli, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 55.

76. Filwaqt li l-ġurisprudenza reċenti li tikkonċerna r-relazzjoni bejn il-prinċipju tal-moviment liberu u l-liġi fuq iċ-ċittadinanza waslet biex tinvolvi l-kunċetti ta' ċittadinanza tal-Unjoni [40], għandu jiġi mfakkar li r-regoli dwar il-moviment liberu ġew qabel l-introduzzjoni ta' dak il-kunċett u, sa fejn huwa meħtieġ li dawn jiġu kklassifikati skont il-linji "tradizzjonali", jistgħu jidhru li huma essenzjalment kwistjonijiet tad-dritt dwar l-immigrazzjoni [41]. Fil-fehma tiegħi, l-istess japplika għall-kunċetti li għandhom jinftiehmu li huma marbuta mal-moviment liberu, bħalma huma d-drittijiet li joħorġu mill-Artikoli 6(1) u 7. Dawn jinvolvu l-eżerċizzju ta' drittijiet, wara li d-dħul ikun ġie awtorizzat, ta' residenza u, fejn ikun il-każ, tad-dħul fis-suq tax-xogħol fit-territorju ta' Stat Membru. Il-kwistjoni essenzjali f'dan il-każ ma hijiex "x'ċittadinanza kellhom ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali?" iżda hija "liema huma l-kategoriji ta' persuni li l-Istat Membru jista' jkollu obbligi favurihom bis-saħħa tal-Artikoli 6(1) u 7?"

77. Peress li l-punti addizzjonali segwenti tressqu fl-osservazzjonijiet ta' ċerti partijiet, ser nikkunsidrahom fil-qosor.

78. Fl-ewwel lok, il-Gvern Pollakk jargumenta li jekk id-Deċiżjoni Nru 1/80 tiġi interpretata bil-mod kif issuġġerejt jien, dan ikollu l-effett li jinħolqu diskrepanzi fit-trattament bejn iċ-ċittadini Olandiżi, b'mod partikolari dawk li għandhom ċittadinanza Torka u dawk li għandhom iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti biss. Jekk u sa fejn tista' tinħoloq din is-sitwazzjoni, hija tkun ir-riżultat ta' obbligi li joħorġu minħabba l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni nnifsu. Kif diġà għidt, dawn l-obbligi huma vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha. Dan ma huwiex differenti mis-sitwazzjoni li tqum fil-kuntest taċ-ċittadinanza tal-Unjoni; huwa inevitabbli li jistgħu jinħolqu diskrepanzi f'dawn iċ-ċirkustanzi [42].

79. Fit-tieni lok, insostenn tar-raġunament tiegħu, il-Gvern Pollakk jiċċita l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag [43]. Kif għamlitha ċara l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Garcia Avello, din id-dispożizzjoni ma timponix obbligu imma tipprovdi sempliċement għażla għall-partijiet kontraenti [44]. Dan stabbilit, l-Istat Membru ma jkunx liberu li jeżerċita dik l-għażla meta huwa jkun suġġett għall-obbligi vinkolanti li jipprekluduh milli jagħmel dan.

80. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tibbaża parti mir-raġunament tagħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-telf tad-drittijiet taħt l-Artikolu 7. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jista' jkun hemm biss żewġ tipi ta' restrizzjonijiet fuq id-drittijiet mogħtija bl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 fuq il-membri tal-familja li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-imsemmi paragrafu, li huma, jew restrizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-emigrant Tork fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti fejn huwa jkun jikkostitwixxi, minħabba l-aġir personali tiegħu, periklu reali u gravi għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika, skont l-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80, jew restrizzjoni bbażata fuq il-fatt li l-persuna kkonċernata tkun ħalliet it-territorju ta' dan l-Istat għal perijodu sinjifikattiv u mingħajr raġunijiet leġittimi [45].

40 — Ara, pereżempju, is-sentenza Garcia Avello (C-148/02, Ġabra p. I-11613); Rottmann, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29; is-sentenza Ruiz Zambrano (C-34/09, Ġabra p. I-1177); u s-sentenza McCarthy (C-434/09, Ġabra, p. I-3375).

41 — Ara, f'dan ir-rigward, White, R.M., fi *Stair Memorial Encyclopaedia*, Reissue 9, Nationality and Citizenship, paragrafu 5.

42 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Alber ippreżentati fil-kawża Mesbah, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, punt 49. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx dawn il-konklużjonijiet meta tat is-sentenza tagħha, ma kkontestatx il-fehma tal-Avukat Ġenerali fuq il-punt inkwistjoni.

43 — Il-Konvenzjoni ta' Den Haag, tat-12 ta' April 1930, dwar ċerti kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kunflitt tal-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza (League of Nations Treaty Series, Vol. 179, p. 89). Din daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1937. Ġiet irratifikata minn diversi Stati Membri, inklużi l-Pajjiżi l-Baxxi. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi li: "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, persuna li għandha ċittadinanza waħda jew iktar tista' titqies bħala ċittadina ta' kull Stat li tiegħu għandha ċ-ċittadinanza".

44 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40. Ara l-punt 28 tas-sentenza f'dik il-kawża.

45 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Cetinkaya (C-467/02, Ġabra p. I-10895, punti 36 u 38); is-sentenza Er (C-453/07, Ġabra p. I-7299, punt 30); u s-sentenza Altun (C-337/07, Ġabra p. I-10323, punt 62). Għal diskussjoni dwar il-pożizzjoni li tirrigwarda l-Artikolu 6, ara l-punt 36 iktar 'il fuq.

81. Ma nistax nara kif dan ir-raġunament jgħin fid-diskussjoni f'dan il-każ. B'dan l-argument, il-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq tiddefinixxi ċ-ċirkustanzi li fihom l-Istat Membru ospitanti jista' jirtira drittijiet stabbiliti taħt l-Artikolu 7. Din ma hijiex problema li qamet f'dan il-każ. Il-kwistjoni hija dwar jekk dawn id-drittijiet fil-fatt inħolqux — mhux dwar jekk, ġaladarba jkunu jeżistu, huma jistgħux jiġu rtirati. Biex tingħata risposta għad-domandi tal-qorti nazzjonali, għandu jkun hemm punt tat-tluq differenti.

82. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jiena tal-fehma li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 7 għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li l-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru jistgħu jibqgħu jinvokaw dik id-dispożizzjoni minkejja li dak il-ħaddiem ikun kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti filwaqt li żamm iċ-ċittadinanza Torka tiegħu.

It-tieni domanda

83. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti nazzjonali qiegħda tistaqsi jekk, għall-finijiet tar-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda, huwiex rilevanti l-mument li fih il-ħaddiem Tork ikkonċernat kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti. Kienet tkun meħtieġa risposta jekk, pereżempju, ir-risposta għall-ewwel domanda kellha tiddependi fuq il-mument preċiż li fih ġiet miksuba ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti. Peress li, madankollu, huwa impliċitu fir-risposta li qiegħed nipproponi għal dik id-domanda li ma hemmx kwistjonijiet ta' żmien, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Konklużjoni

84. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mir-Raad van State skont kif ġej:

"L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li l-membri tal-familja ta' ħaddiem Tork li jagħmel parti mis-suq legali tax-xogħol ta' Stat Membru jistgħu jibqgħu jinvokaw dik id-dispożizzjoni minkejja li dak il-ħaddiem ikun kiseb iċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ospitanti filwaqt li żamm iċ-ċittadinanza Torka tiegħu."